# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1321

Kaz Nru. 1453

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Vincent Miicallef

u

Simon J. Camilleri

Pharchem Int Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.

illum 26 ta' Lulju 2002

**Chairman : is-Sur Carmel Debono**

## 1. Introduzzjoni

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet referita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 29 ta' Gunju 2002 Ref. MSP/TI/47/2000 biex tigi pprocessata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiiet Industrijali.

It-Tribunal zamm hdax (11) il-seduta.

L-appellant, Vincent Micallef, kien assistit mill-Avukat Christian Grima LL.D. waqt li s-Socjeta' Pharchem International Co Ltd kienet rapprezentata minn Simon J. Camilleri assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona LL.D.

## 2. Xhieda

Tul il-process is-segwenti taw ix-xhieda taghhom:

Is-sur Simon J. Camilleri - *Managing Director*

Is-Sinjura Maria Melillo - *General Manager*

Is-sur Vincent Micallef - l-appellant

## 3. Preliminarji

Fl-ewwel seduta, l-appellant talab biex l-okkju tal-kwistjoni jigi jaqra "Pharchem International Co. Ltd" flok "Pharchem Co Ltd" talba li giet accettata mis-Socjeta'.

## 4. Dokumenti

i. ETC Form 103 dwar is-sur V. Micallef;

ii. *Acknowledgement* tal-istess ETC form;

iii. Dokumenti dwar salarju tal-periodu 01/01/00 sa 31/01/00, 01/03/00 sa 31/03/00 u *Payee Statement of Earnings for Yr Ending* 31/12/99 *u Yr Ending* 31/12/00;

iv. Kopja ta' estratt mill-gurnal *TheTimes* datat 22 ta' Marzu 2000;

v. Ittra indirizzata "*My Friend*" mhux iffirmata u bla data;

vi. Dokument dwar *Libya Operations Costings* - April 2000;

vii. Tmien (8) ittri:

erba' minnhom datati 10 ta' April 1997;
tlieta minnhom datati 27 ta' Frar 1998;
wahda datata 15 ta' April 1998;
u wahda datata 30 ta' Gunju 1998, minn entitajiet varji li kollha kienu gew informati mill-Pharchem li s-sur V. Micallef kien *Sales Representative* awtorizzat tas-Socjeta'.

viii. kopja ta' dokument mhux iffirmat li jirrigwarda n-numru ta' pazjenti li

## 7. Kunsiderazzjonijiet

Fil-fehma tat-Tribunal ma hemm l-ebda dubbju li din il-kwistjoni tax-xoghol hija wahda dwar kemm hi valida l-asserzjoni tas-Socjeta' li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kienet dovuta ghar-raguni ta' "*redundancy*" u li ghalhekk it-Tribunal huwa mehtieg li jghati decizjoni dwar hekk.

It-Tribunal jibda biex jiddikjara li l-appellant kien impjiegat u mhallas tad-doveri tieghu mis-Socjeta' Pharchem International Co. Ltd, l-istess Socjeta' li tterminatlu l-impjieg tieghu. It-Tribunal huwa sodisfatt li x-xoghol u/jew id-doveri tal-appellant kienu dawk ta' *Office Manager* (*Libya Office*) u waqt li seta' b'xi mod kien jghamel xoghol iehor, intqal jirrapprezenta ditti ohra tal-principal tieghu s-sur Simon J. Camilleri, ix-xoghol primarju li ghalieh kien ikkuntrattat kien dak li jidher fil-kuntratt tal-1 ta' Frar 1996 taht paragrafu 1 "*Duties of Employee*" sub-par 1.1 iffirmat mis-sur Simon J. Camilleri u s-sur Vincent Micallef.

It-Tribunal ikkunsidra jekk l-aspett finanzjarju kienx ir-raguni li rrendiet lis-Socjeta' inkapaci li tkompli zzomm lill-appellant fl-impjieg. Minn dak li sema' waqt ix-xhieda, nkluz dak li xehed l-istess appellant, ix-xoghol li kien jirrigwarda l-ipprocessar tal-pazjienti Libjani naqas drastikament jekk ma spiccax ghal kollox meta tnehhew is-sanzjonijiet kontra l-Libya. It-Tribunal huwa wkoll sodisfatt li ghal xi raguni m'hix daqshekk mgharufa, is-Socjeta' ghall zmien konsiderevoli ma ircevietx hlas dovut lilha ghas-servizzi li kienet ipprovdiet lil Gvern Libjan.

B'xhieda bhal din, it-Tribunal ma kellux ghalfejn jiddomanda li jara l-kotba tas-Socjeta'. It-Tribunal ikkunsidra wkoll l-allegazzjoni li gew impjegati xi persuni ohra mis-Socjeta' biex jghamlu u jkomplu x-xoghol li kien jghamel l-appellant dwar il-process konness mal-pazjenti li riedu jintbaghtu f'pajjizi barranin ghal-kura medika. It-Tribunal waqt li ma jeskludix din il-possibilita', jinhtieglu jkun

dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati aktar il-fuq, isib li din il-kwistjoni tax-xoghol tikkwalifika bhala kaz ta' "*redundancy*" u per konsegwenza t-Tribunal hu prekluz li jiehu konjizzjoni tal-kaz dwar il-meriti tat-tkeccija skond l-Att tar-Relazzjonijet Industrijali.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal jiffissa dawn bhala Erbghajn Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed miz-zewg difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Carmel Debono
Chairman